

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► B **DIRETTIVA 2011/65/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**
tat-8 ta' Ġunju 2011
dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku
(tfassil mill-ġdid)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/50/UE tal-10 ta' Ottubru 2012	L 348	16	18.12.2012
► <u>M2</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/51/UE tal-10 ta' Ottubru 2012	L 348	18	18.12.2012
► <u>M3</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/1/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	45	9.1.2014
► <u>M4</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/2/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	47	9.1.2014
► <u>M5</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/3/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	49	9.1.2014
► <u>M6</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/4/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	51	9.1.2014
► <u>M7</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/5/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	53	9.1.2014
► <u>M8</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/6/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	55	9.1.2014
► <u>M9</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/7/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	57	9.1.2014
► <u>M10</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/8/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	59	9.1.2014
► <u>M11</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/9/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	61	9.1.2014
► <u>M12</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/10/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	63	9.1.2014
► <u>M13</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/11/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	65	9.1.2014
► <u>M14</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/12/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	67	9.1.2014
► <u>M15</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/13/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	69	9.1.2014
► <u>M16</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/14/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	71	9.1.2014
► <u>M17</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/15/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	73	9.1.2014
► <u>M18</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/16/UE tat-18 ta' Ottubru 2013	L 4	75	9.1.2014

► <u>M19</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/69/UE tat-13 ta' Marzu 2014	L 148	72	20.5.2014
► <u>M20</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/70/UE tat-13 ta' Marzu 2014	L 148	74	20.5.2014
► <u>M21</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/71/UE tat-13 ta' Marzu 2014	L 148	76	20.5.2014
► <u>M22</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/72/UE tat-13 ta' Marzu 2014	L 148	78	20.5.2014
► <u>M23</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/73/UE tat-13 ta' Marzu 2014	L 148	80	20.5.2014
► <u>M24</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/74/UE tat-13 ta' Marzu 2014	L 148	82	20.5.2014
► <u>M25</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/75/UE tat-13 ta' Marzu 2014	L 148	84	20.5.2014
► <u>M26</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/76/UE tat-13 ta' Marzu 2014	L 148	86	20.5.2014
► <u>M27</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/573 tat-30 ta' Jannar 2015	L 94	4	10.4.2015
► <u>M28</u>	Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/574 tat-30 ta' Jannar 2015	L 94	6	10.4.2015
► <u>M29</u>	Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2016/1028 tad-19 ta' April 2016	L 168	13	25.6.2016
► <u>M30</u>	Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2016/1029 tad-19 ta' April 2016	L 168	15	25.6.2016

Kkoreġuta minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 44, 14.2.2014, p. 55 (2011/65/UE)



**DIRETTIVA 2011/65/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U
TAL-KUNSILL**

tat-8 ta' Ġunju 2011

**dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir
elettriku u elettroniku**

(tfassil mill-ġdid)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistipula r-regoli dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (EEE) bil-għan li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, inkluż l-irkupru u r-rimi mingħajr preġudizzju għall-ambjent tal-iskart EEE.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha, soġġett għall-paragrafu 2, tapplika għall-EEE li jaqa' fil-kategoriji stabbiliti fl-Anness I.
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(3) u 4(4), l-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-EEE li kien barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/95/KE, imma li ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva, jista' madankollu jibqa' disponibbli fuq is-suq sat-22 ta' Lulju 2019.
3. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza u s-saħħa, u dwar kimiki, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1907/2006, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-leġislazzjoni speċifika tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-iskart.
4. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:
 - (a) tagħmir li huwa meħtieġ għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istati Membri, inklużi armi, munizzjon u materjal tal-gwerra maħsuba għal għanijiet speċifikament militari;
 - (b) tagħmir maħsub biex jintbagħat fl-ispazju;
 - (c) tagħmir li huwa ddisinjat speċifikament, u li għandu jiġi installat, bħala parti minn tip ieħor ta' tagħmir li hu eskluż jew li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, li jista' jintuża biss jekk ikun jagħmel parti minn dak it-tagħmir, u li jista' jiġi sostitwit biss mill-istess tagħmir iddisinjat speċifikament;
 - (d) għodda industrijali stazzjonarja fuq skala kbira;
 - (e) installazzjonijiet fissi fuq skala kbira;
 - (f) mezzi ta' trasport għall-persuni jew il-merkanzija, esklużi l-vetturi elettriċi b'żewġ roti li mhumiex soġġetti għall-approvazzjoni skont it-tip;
 - (g) makkinarju mobbli mhux għal fuq it-triq li jkun disponibbli esklusivament għall-użu professjonali;
 - (h) apparat mediku attiv impjantabbli;

▼B

- (i) pannelli fotovoltajċi maħsuba biex jintużaw f'sistema ddisinjata, assemblata u installata minn professjonisti għal użu permanenti f'post definit għall-produzzjoni tal-enerġija mid-dawl tax-xemx għal applikazzjonijiet pubbliċi, kummerċjali, industrijali u residenzjali;
- (j) tagħmir iddisinjat speċifikament għall-uniku skop ta' riċerka u żvilupp u li jkun biss disponibbli bejn negozji.

*Artikolu 3***Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “tagħmir elettriku u elettroniku” jew “EEE” tfisser tagħmir dipendenti fuq kurrenti tal-elettriku jew kampijiet elettromanjetiċi sabiex jaħdem sew u tagħmir għall-ġenerazzjoni, it-trasferiment u l-kejl ta' kurrenti u kampijiet bħal dawn u ddisinjat għall-użu ma' vultaġġ massimu li ma jaqbix 1-1 000 volt għal kurrent alternanti u 1-1 500 volt għal kurrent dirett;
- (2) għall-finijiet tal-punt 1, “dipendenti” tfisser, fir-rigward tal-EEE, li jinħtieġu kurrenti elettriċi jew kampijiet elettromanjetiċi biex iwettaq tal-anqas waħda mill-funzjonijiet maħsuba tiegħu;
- (3) “għodda industrijali stazzjonarja fuq skala kbira” tfisser assemblea ta' skala kbira ta' magni, tagħmir u/jew komponenti, li jiffunzjonaw flimkien għal applikazzjoni speċifika, installati b'mod permanenti u żarmati minn professjonisti f'post partikolari, u li l-użu u l-manutenzjoni tagħhom issir minn professjonisti f'faċilità ta' manifattura industrijali jew f'faċilità għar-riċerka u l-iżvilupp;
- (4) “installazzjoni fissa fuq skala kbira” tfisser kombinazzjoni ta' skala kbira ta' diversi tipi ta' apparat u, fejn applikabbli, strumenti oħra, li huma assemblati u installati minn professjonisti, maħsuba biex jintużaw b'mod permanenti f'post predefinit u ddedikat, u li jiġu żarmati minn professjonisti;
- (5) “kejbils” tfisser il-kejbils kollha b'vultaġġ ikkalkulat ta' anqas minn 250 volts li jservu bħala konnessjoni jew estensjoni biex EEE jiġi konness mal-plakka tad-dawl jew biex żewġ EEE jew aktar jiġu konnessi flimkien;
- (6) “manifattur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura EEE jew li għandha EEE ddisinjat jew immanifatturat u li tikkummerċjalizza taħt isimha jew bit-trejdmark tagħha;
- (7) “rappreżentant awtorizzat” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand manifattur sabiex taġixxi f'ismu għal kompiti speċifiċi;
- (8) “distributur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-forniment, għajr il-manifattur jew l-importatur, li tagħmel EEE disponibbli fis-suq;
- (9) “importatur” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni, li jqiegħed EEE minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;
- (10) “operaturi ekonomiċi” tfisser il-produttur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur u d-distributur;

▼B

- (11) “tagħmel disponibbli fis-suq” tfisser kwalunkwe forniment ta’ EEE għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni tul attivitá kummerċjali, kemm jekk issir bi ħlas kif ukoll jekk tkun bla ħlas;
- (12) “tqegħid fis-suq” tfisser l-ewwel darba li EEE jkun disponibbli fis-suq tal-Unjoni;
- (13) “standard armonizzat” tfisser standard adottat minn wieħed mill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta’ informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetá tal-Informatika⁽¹⁾ abbażi ta’ talba li l-Kummissjoni tkun għamlet f’konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 98/34/KE;
- (14) “speċifikazzjoni teknika” tfisser dokument li jippreskrivi r-rekwiżiti tekniċi li jridu jiġu sodisfatti minn prodott, proċess jew servizz;
- (15) “marka CE” tfisser marka li permezz tagħha l-manifattur jindika li l-prodott huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-leġislazzjoni ta’ armonizzazzjoni tal-Unjoni li tipprovdi għat-twaħħil tagħha;
- (16) “valutazzjoni tal-konformità” tfisser il-proċess li juri jekk ikunux intlaħqu r-rekwiżiti ta’ din id-Direttiva relatati ma’ EEE;
- (17) “sorveljanza tas-suq” tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jiżguraw li l-EEE jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f’din id-Direttiva u ma jipperikolax is-saħħa, is-sikurezza jew aspetti oħra ta’ protezzjoni tal-interess pubbliku;
- (18) “teħid lura” tfisser kwalunkwe miżura maħsuba biex jittieħed lura prodott li jkun diġà sar disponibbli għall-utent aħħari;
- (19) “irtirar” tfisser kwalunkwe miżura maħsuba biex ma tħallix li prodott fil-katina tal-provvista jsir disponibbli fis-suq;
- (20) “materjal omoġenju” tfisser materjal wieħed ta’ kompożizzjoni kollha kemm hi uniformi jew materjal, li jikkonsisti f’kombinazzjoni ta’ materjali, li ma jstgħux jinfirdu jew jiġu separati f’materjali differenti b’azzjonijiet mekkaniċi bħal proċessi ta’ żvitar, qtugħ, tgħaffiġ, dħin u brix;
- (21) “apparat mediku” tfisser apparat mediku skont it-tifsira tal-punt (a) tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/42/KEE u li jkun ukoll EEE;
- (22) “apparat mediku dijanjostiku in vitro” tfisser apparat mediku dijanjostiku in vitro skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 98/79/KE;
- (23) “apparat mediku attiv impjantabbli” tfisser kull apparat mediku attiv impjantabbli skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 90/385/KEE tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f’xi parti tal-ġisem⁽²⁾;

⁽¹⁾ ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

⁽²⁾ ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17.

▼B

- (24) “strumenti ta’ monitoraġġ u kontroll industrijali” tfisser strumenti ta’ monitoraġġ u kontroll iddisinjati esklużivament għal użu industrijali jew professjonali;
- (25) “disponibilità ta’ sostitut” tfisser il-kapaċità li tali sostitut jiġi mmanifatturat u fornit f’perijodu ta’ żmien raġonevoli meta mqabbel maż-żmien meħtieġ għall-manifattura u l-forniment tas-sustanzi elenkati fl-Anness II;
- (26) “affidabilità ta’ sostitut” tfisser il-probabbiltà li EEE li juża dak is-sostitut iwettaq funzjoni rikjesta mingħajr falliment taħt kondizzjonijiet iddikjarati għal perijodu ta’ żmien iddikjarat;
- (27) “spare part” tfisser parti separata ta’ EEE li tista’ tissostitwixxi parti minn EEE. L-EEE ma jistax jiffunzjona kif intenzjonat mingħajr dik il-parti tal-EEE. Il-funzjonalità tal-EEE terġa’ tinkiseb jew titjieb meta l-parti tiġi sostitwita minn spare part;
- (28) “makkinarju mobbli mhux għal fuq it-triq li jkun disponibbli esklużivament għall-użu professjonali” tfisser makkinarju b’sors ta’ enerġija fuqu, li l-operat tiegħu jirrikjedi jew mobilità jew ċaqliq kontinwu jew semikontinwu bejn suċċessjoni ta’ postijiet fissi tax-xogħol waqt li jkun qed jaħdem jaħdem u li jkun disponibbli biss għall-użu professjonali.

*Artikolu 4***Prevenzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-EEE mqiegħed fis-suq, inklużi l-kejbils u l-ispare parts għat-tiswija tiegħu, għall-użu mill-ġdid tiegħu, għall-immodernizzar tal-funzjonalitajiet tiegħu jew it-tkabbir tal-kapaċità tiegħu, ma jkunx fih is-sustanzi elenkati fl-Anness II.

2. Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, għandu jiġi ttollerat mhux aktar mill-valur tal-konċentrazzjoni massima skont il-piż f’materjali omoġenji kif speċifikat fl-Anness II. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta’ atti ddelegati f’konformità mal-Artikolu 20 u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 21 u 22, regoli dettaljati dwar il-konformità ma’ dawk il-valuri tal-konċentrazzjoni massima li jqisu, inter alia, il-kisi superfiċjali.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal apparat mediku u strumenti ta’ monitoraġġ u kontroll li jitqiegħdu fis-suq mit-22 ta’ Lulju 2014, għal apparat mediku dijanjostiku *in vitro* li jitqiegħed fis-suq mit-22 ta’ Lulju 2016 u għal strumenti ta’ monitoraġġ u kontroll li jitqiegħdu fis-suq mit-22 ta’ Lulju 2017.

4. Il-paragrafu 1 m’għandux japplika għal kejbils jew spare parts, għat-tiswija, l-użu mill-ġdid, l-immodernizzar tal-funzjonalitajiet jew it-tkabbir tal-kapaċità ta’ dawn li ġejjin:

- (a) EEE mqiegħed fis-suq qabel l-1 ta’ Lulju 2006;
- (b) apparat mediku mqiegħed fis-suq qabel it-22 ta’ Lulju 2014;
- (c) apparat mediku dijanjostiku *in vitro* mqiegħed fis-suq qabel it-22 ta’ Lulju 2016;

▼B

- (d) strumenti ta' monitoraġġ u kontroll imqiegħda fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2014;
- (e) strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali imqiegħda fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2017;
- (f) EEE li bbenefika minn eżenzjoni u li tqiegħed fis-suq qabel skadjet dik l-eżenzjoni, safejn hija kkonċernata l-eżenzjoni speċifika.

5. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-użu mill-ġdid ta' spare parts, li jkunu ġew irkuprati minn EEE li tqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2006, użati f'taġhmir imqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2016 u bil-kondizzjoni li l-użu mill-ġdid isir f'sistemi ta' rkupru bejn negozji b'ċiklu magħluq u verifikabbli, u li l-użu mill-ġdid tal-partijiet jiġi nnotifikat lill-konsumatur.

6. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-applikazzjonijiet elenkati fl-Annessi III u IV.

*Artikolu 5***Adattament tal-Annessi għall-progress xjentifiku u tekniku**

1. Għall-finijiet ta' adattament tal-Annessi III u IV għall-progress xjentifiku u tekniku, u sabiex tikseb l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ddelegati individwali f'konformità mal-Artikolu 20 u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 21 u 22, il-miżuri li ġejjin:

- (a) l-inklużjoni ta' materjali u komponenti ta' EEE għal applikazzjonijiet speċifiċi fil-listi fl-Annessi III u IV, bil-kondizzjoni li tali inklużjoni ma ddgħajjifx il-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa mogħtija bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u fejn tiġi sodisfatta waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- it-tneħħija jew is-sostituzzjoni taġħhom permezz ta' bidliet fid-disinn jew fil-materjali u l-komponenti li ma jeħtieġu l-ebda materjal jew sustanza elenkati fl-Anness II mhijiex prattikabbli mil-lat xjentifiku jew tekniku;

- l-affidabbiltà tas-sostituti mhijiex żgurata;

- it-totali tal-impatti negattivi ambjentali, għas-saħħa u għas-sikurezza tal-konsumatur totali kkawżati mis-sostituzzjoni x'aktarx li huma ogħla mit-total tal-benefiċċji ambjentali, għas-saħħa u għas-sikurezza tal-konsumatur taġħhom.

Deċizzjonijiet dwar l-inklużjoni ta' materjali u komponenti ta' EEE fil-listi fl-Annessi III u IV f' u dwar it-tul ta' kwalunkwe eżenzjoni għandha tqis id-disponibilità tas-sostituti u l-impatt soċjo-ekonomiku tas-sostituzzjoni. Id-deċizzjonijiet dwar it-tul ta' kwalunkwe eżenzjoni għandha tqis kull impatt ħażin potenzjali fuq l-innovazzjoni. Fejn ikun rilevanti, għandu jitqies iċ-ċiklu tal-ħajja meta jkunu qed jiġu kkunsidrati l-impatti ġenerali tal-eżenzjoni;

▼B

(b) it-tħassir tal-materjali u l-komponenti tal-EEE mill-listi fl-Annessi III u IV fejn il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) ma għadhomx qed jiġu sodisfatti.

2. Il-miżuri adottati skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom, għall-kategoriji 1 sa 7, 10 u 11 tal-Anness I, jkollhom perjodu ta' validità ta' mhux aktar minn ħames snin u, għall-kategoriji 8 u 9 tal-Anness I, perjodu ta' validità ta' mhux aktar minn seba' snin. Il-perijodi ta' validità għandhom jiġu deċiżi għal kull każ individwalment u jistgħu jiġġeddu.

Għall-eżenzjonijiet elenkati fl-Anness III fil-21 ta' Lulju 2011, il-perijodu ta' validità massima, li jista' jiġġedded, għandu jkun, għall-kategoriji 1 sa 7 u 10 tal-Anness I, ta' ħames snin mill-21 ta' Lulju 2011 u, għall-kategoriji 8 u 9 tal-Anness I, seba' snin mid-dati rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 4(3), sakemm ma jiġix speċifikat perjodu iqsar.

Għall-eżenzjonijiet elenkati fl-Anness IV fil-21 ta' Lulju 2011, il-perijodu ta' validità massima, li jista' jiġġedded, għandu jkun ta' seba' snin mid-dati rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 4(3), sakemm ma jiġix speċifikat perjodu iqsar.

3. Applikazzjoni għall-ġhoti, it-tiġdid jew ir-revoka ta' eżenzjoni għandha ssir lill-Kummissjoni f'konformità mal-Anness V.

4. Il-Kummissjoni għandha:

(a) tirrikonoxxi li tkun irċeviet applikazzjoni bil-miktub fi żmien 15-il jum minn meta tirċeviha. Ir-rikonoxximent għandu jiddikjara d-data ta' meta rċeviet l-applikazzjoni;

(b) tinforma lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni mingħajr telf ta' żmien u għandha tagħmel l-applikazzjoni u kull informazzjoni supplimentari pprovduta mill-applikant disponibbli għalihom;

(c) tagħmel sommarju tal-applikazzjoni disponibbli għall-pubbliku;

(d) tivvaluta l-applikazzjoni u l-ġustifikazzjoni tagħha.

5. Applikazzjoni għat-tiġdid ta' eżenzjoni għandha ssir sa mhux aktar tard minn 18-il xahar qabel tiskadi l-eżenzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar applikazzjoni għat-tiġdid ta' eżenzjoni sa mhux aktar tard minn 6 xhur qabel id-data meta tiskadi l-eżenzjoni eżistenti sakemm ċirkostanzi speċifiċi ma jiġġustifikawx skadenzi oħrajn. L-eżenzjoni eżistenti għandha tibqa' valida sa meta tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal tiġdid mill-Kummissjoni.

6. Fil-każ li l-applikazzjoni għat-tiġdid ta' eżenzjoni tiġi miċħuda jew li eżenzjoni tiġi rrevokata, l-eżenzjoni għandha tiskadi mhux iktar kmieni minn 12-il xahar, u mhux iktar tard minn 18-il xahar, wara d-data tad-deċiżjoni.

7. Qabel ma jiġu emendati l-Annessi, il-Kummissjoni għandha, inter alia, tikkonsulta l-operaturi ekonomiċi, ir-riċiklaturi, l-operaturi tat-trattament, l-organizzazzjonijiet ambjentali u l-assoċjazzjonijiet tal-impjegati u l-konsumaturi u tqiehed il-kummenti li tkun irċeviet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

▼B

8. Il-Kummissjoni għandha tadotta format armonizzat għall-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu kif ukoll linji gwida komprensivi għal tali applikazzjonijiet, waqt li tqis is-sitwazzjoni tal-SMEs. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2).

Artikolu 6

Rieżami u emenda tal-lista tas-sustanzi ristretti fl-Anness II

1. Bl-għan li jintlaħqu l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 1 u waqt li jitqies il-prinċipju tal-prekawzjoni, rieżami, abbażi ta' valutazzjoni bir-reqqa, u emenda tal-lista tas-sustanzi ristretti fl-Anness II għandha tiġi kkunsidrata mill-Kummissjoni qabel it-22 ta' Lulju 2014, u perjodikament wara dan fuq l-inizjattiva tagħha stess jew b'segwitu għat-tressiq ta' propost minn Stat Membru li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

Ir-rieżami u l-emenda tal-lista tas-sustanzi ristretti fl-Anness II għandhom ikunu koerenti mal-leġislazzjoni l-oħra relatata mal-kimiċi, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1907/2006, u għandhom iqisu, inter alia, l-Annessi XIV u XVII għal dak ir-Regolament. Ir-rieżami għandu juża tagħrif disponibbli pubblikament miksub mill-applikazzjoni ta' tali leġislazzjoni.

Sabiex tirrieżamina u temenda l-Anness II, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod speċjali jekk sustanza, inklużi sustanzi ta' daqs żgħir ħafna jew bi struttura superfiċjali jew interna żgħira ħafna, jew grupp ta' sustanzi simili:

- (a) jistgħux ikollhom impatt negattiv waqt l-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-iskart tal-EEE, inklużi fuq il-possibilitajiet ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid tal-iskart tal-EEE jew ta' riċiklaġġ ta' materjali mill-iskart tal-EEE;
- (b) jistgħu jirriżultaw, minħabba l-użi tagħha, f'rilaxx bla kontroll jew diffuż fl-ambjent tas-sustanza, jew jistgħu jirriżultaw f'residwi perikolużi, jew fit-trasformazzjoni jew degradazzjoni ta' prodotti permezz tat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ jew trattament ieħor ta' materjali mill-iskart tal-EEE taħt il-kondizzjonijiet operattivi attwali;
- (c) jistgħu jwasslu għal esponiment inaċċettabbli tal-ħaddiema involuti fil-ġbir jew fil-proċessi ta' trattament tal-iskart tal-EEE;
- (d) jistgħu jiġu sostitwiti minn sostituti jew teknoloġiji alternattivi li għandhom impatti anqas negattivi.

Waqt dak ir-rieżami, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-partijiet interessati, inklużi operaturi ekonomiċi, riċiklaturi, operaturi tat-trattament, organizzazzjonijiet ambjentali u assoċjazzjonijiet tal-impjegati u tal-konsumaturi.

2. Il-proposti għar-rieżami u l-emenda tal-lista tas-sustanzi ristretti, jew grupp ta' sustanzi simili, fl-Anness II għandhom jinkludu tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) formulazzjoni preċiża u ċara tar-restrizzjoni proposta;

▼B

- (b) evidenza b'referenzi u xjentifika għar-restrizzjoni;
- (c) informazzjoni dwar l-użu tas-sustanza jew il-grupp ta' sustanzi simili fl-EEE;
- (d) informazzjoni dwar l-effetti ta' ħsara u l-esponiment b'mod partikolari waqt l-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-iskart tal-EEE;
- (e) informazzjoni dwar is-sostituti possibbli u alternattivi oħrajn, id-disponibbiltà tagħhom u l-affidabilità tagħhom;
- (f) ġustifikazzjoni biex restrizzjoni fl-Unjoni kollha kemm hi tiġi kkunsidrata bħala l-aktar miżura xierqa;
- (g) valutazzjoni soċjo-ekonomika.

3. Il-miżuri msemmijin f'dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 20 u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 21 u 22.

*Artikolu 7***Obbligi tal-manifatturi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) meta jqiegħdu EEE fis-suq, il-manifatturi jiżguraw li dan ikun ġie iddisinjat u mmanifatturat skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 4;
- (b) il-manifatturi jfasslu d-dokumentazzjoni teknika meħtieġa u jwettqu l-proċedura ta' kontroll intern f'konformità mal-modulu A tal-Anness II għad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE jew iqabdu lil xi ħadd biex jagħmel dan;
- (c) fejn ikun intwera permezz tal-proċedura msemmija fil-punt (b) li l-EEE huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli, il-manifatturi jfasslu dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u jwaħħlu l-marka CE fuq il-prodott lest. Fejn leġiżlazzjoni oħra applikabbli tal-Unjoni tkun teħtieġ l-applikazzjoni ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li ma tkunx inqas stretta, il-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1) ta' din id-Direttiva tista' tintwera fil-kuntest ta' din il-proċedura. Tista' titħejja dokumentazzjoni teknika waħdanija;
- (d) il-manifatturi jżommu d-dokumentazzjoni teknika u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għal għaxar snin wara li l-EEE ikun tqiegħed fis-suq;
- (e) il-manifatturi jiżguraw li jkunu ġew stabbiliti proċeduri sabiex il-produzzjoni ta' serje tibqa' konformi. It-tibdiliet fid-disinn jew il-karatteristiki u t-tibdiliet fl-istandards armonizzati jew fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li b'referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità ta' EEE għandhom jitqiesu b'mod adegwat;
- (f) il-manifatturi jżommu reġistru tal-EEE li ma jkunux konformi u ta' prodotti li kellhom jiġbru lura, u jżommu lid-distributuri informati dwar dan;

▼B

- (g) il-manifatturi jiżguraw li l-EEE tagħhom ikollu numru tat-tip, tal-lott jew tas-serje jew kwalunkwe element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tiegħu, jew, jekk fejn id-daqs jew in-natura tal-EEE ma jippermettux dan, li t-tagħrif meħtieġ jingħata fuq l-imballaġġ jew f'dokument li jakkumpanja l-EEE;
- (h) il-manifatturi jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew it-trejdmark reġistrat tagħhom u l-indirizz fejn jistgħu jiġu kkuntattjati dwar l-EEE jew, fejn dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-EEE. L-indirizz irid jindika punt uniku fejn jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur. Fejn leġislazzjoni oħra applikabbli tal-Unjoni jkun fiha dispożizzjonijiet għat-twaħħil tal-isem u l-indirizz tal-manifattur li ma jkunux inqas stretti, għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet;
- (i) il-manifatturi li jikkunsidraw jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li EEE li huma jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva jieħdu minnufih il-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak l-EEE jsir konformi, jirtirawh jew jiġbruh lura, jekk dan ikun xieraq, u jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamlu l-EEE disponibbli dwar dan, billi jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe miżura korrettiva li tkun ittieħdet;
- (j) il-manifatturi, b'segwitu għal talba motivata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovduha bit-tagħrif u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-EEE ma' din id-Direttiva, b'lingwa li tkun tista' tintfiehmed faċilment minn dik l-awtorità u li jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, fuq kwalunkwe azzjoni li tkun ittieħdet biex tiġi żgurata l-konformità ma' din id-Direttiva tal-EEE li huma jkunu qiegħdu fis-suq.

*Artikolu 8***Obbligi ta' rappreżentanti awtorizzati**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) manifatturi jkollhom il-possibbiltà li jaħtar rappreżentant awtorizzat permezz ta' mandat bil-miktub. L-obbligi stipulati fil-punt (a) tal-Artikolu 7 u t-tfassil ta' dokumentazzjoni teknika m'għandhomx jiffurmaw parti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat;
- (b) rappreżentant awtorizzat iwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jirċievi mingħand il-manifattur. Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat li tal-anqas jagħmel dan li ġej:
- iżomm id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u d-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza għal perijodu ta' għaxar snin wara li l-EEE ikun tqiegħed fis-suq;
 - b'segwitu għal talba motivata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovdi lil dik l-awtorità bit-tagħrif u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità ta' EEE ma' din id-Direttiva;

▼B

- jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, fuq talba tagħhom, dwar kwalunkwe azzjoni li tkun ittieħdet biex tiġi żgurata konformità ma' din id-Direttiva ta' EEE kopert bil-mandat tagħhom.

*Artikolu 9***Obbligi tal-importaturi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) l-importaturi jqiegħdu biss l-EEE li jkun konformi ma' din id-Direttiva fis-suq tal-Unjoni;
- (b) l-importaturi, qabel ma jqiegħdu EEE fis-suq, jiżguraw li tkun twettqet il-proċedura xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità mill-manifattur, u li jiżguraw ulterjorment li l-manifattur ikun fassal id-dokumentazzjoni teknika, li l-EEE jkollu l-marka CE u jkun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa, ►C1 u li l-manifattur ikun issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (g) u (h) tal-Artikolu 7; ◄
- (c) Fejn importatur jikkunsidra jew ikollu raġuni biex jaħseb li EEE mhux konformi mal-Artikolu 4, dak l-importatur ma jqiegħedx l-EEE fis-suq qabel ma' dan ikun sar konformi, u li dak l-importatur jinforma lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar dan;
- (d) l-importaturi jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew it-trejdmark reġistrat tagħhom u l-indirizz fejn jistgħu jiġu kkuntattjati fuq l-EEE jew, fejn dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-EEE. Fejn leġislazzjoni oħra applikabbli tal-Unjoni jkun fiha dispożizzjonijiet għat-twaħħil tal-isem u l-indirizz tal-manifattur li ma jkunux inqas stretti, għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet;
- (e) l-importaturi, sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' din id-Direttiva, iżommu reġistru tal-EEE li ma jkunux konformi u ta' EEE li kellhom jinġabru lura, u jżommu lid-distributori informati dwar dan;
- (f) l-importaturi li jikkunsidraw jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li EEE li huma jkunu qiegħdu fis-suq mhuwiex konformi ma' din id-Direttiva jieħdu minnufih il-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak l-EEE jsir konformi, jirtiraw jew jiġbruh lura, kif ikun xieraq, u jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamli l-EEE disponibbli dwar dan, billi jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe miżura korrettiva li tkun ittieħdet;
- (g) l-importaturi iżommu, għal perijodu ta' għaxar snin wara t-tqegħid fis-suq tal-EEE, kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jiżguraw li d-dokumentazzjoni teknika tkun disponibbli għal dawk l-awtoritajiet, jekk jitolbuha;
- (h) l-importaturi, b'segwitu għal talba motivata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovduha bit-tagħrif u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità ta' EEE ma' din id-Direttiva, b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità, u li jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni li tkun ittieħdet biex tiġi żgurata l-konformità ma' din id-Direttiva tal-EEE li huma jkunu qiegħdu fis-suq.



Artikolu 10

Obbligi tal-distributuri

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) Meta jagħmlu EEE disponibbli fis-suq, id-distributuri jaġixxu bl-attenzjoni dovuta fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli b'mod partikolari billi jivverifikaw li l-EEE jkollu fuqu l-marka CE, li jkun akkumpanjat mid-dokumenti rikjesti f'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti aħħarin oħra fl-Istat Membru fejn l-EEE ser isir disponibbli fis-suq, u li l-manifattur u l-importatur ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (g) u (h) tal-Artikolu 7 u l-punt (d) tal-Artikolu 9;
- (b) fejn distributur iqis jew ikollu raġuni biex jaħseb li EEE mhux konformi mal-Artikolu 4, dak id-distributur ma jagħmilx l-EEE disponibbli fis-suq qabel ma dan ikun sar konformi, u dak id-distributur jinforma lill-manifattur jew lill-importatur kif ukoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar dan;
- (c) id-distributuri li jikkunsidraw jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li EEE li huma jkunu għamlu disponibbli fis-suq mhux konformi ma' din id-Direttiva jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex il-prodott isir konformi, jirtiraw jew jiġbruh lura, kif ikun xieraq, u li jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamlu l-EEE disponibbli dwar dan, billi jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe miżura korrettiva li tkun ittieħdet;
- (d) id-distributuri, b'segwitu għal talba motivata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovduha bit-tagħrif u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità ta' EEE ma' din id-Direttiva, u li jikkoooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, fuq kwalunkwe azzjoni li tkun ittieħdet biex tiġi żgurata l-konformità ma' din id-Direttiva tal-EEE li huma jkunu għamlu disponibbli fis-suq.

Artikolu 11

Każijiet fejn l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi u d-distributuri

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li importatur jew distributur jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' din id-Direttiva u li jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur taħt l-Artikolu 7, meta jqiegħed EEE fis-suq f'ismu jew taħt it-trejdmark tiegħu jew jimmodifika EEE li diġà jkun tqiegħed fis-suq b'tali mod li jista' jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli.

Artikolu 12

Identifikazzjoni ta' operaturi ekonomiċi

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi, fuq talba, jgħarrfu, għal għaxar snin, lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar it-tqegħid fis-suq tal-EEE:

- (a) kwalunkwe operatur ekonomiku li jkun fornihom b'EEE;
- (b) kwalunkwe operatur ekonomiku li huma jkunu fornnewh b'EEE.



Artikolu 13

Dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE

1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tiddikjara li ntwerha li r-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 4 ġew sodisfatti.

2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandu jkollha l-istruttura tal-mudell u għandha tinkludi l-elementi speċifikati fl-Anness VI u għandha tiġi aġġornata. Għandha tiġi tradotta fil-lingwa jew il-lingwi rikjesti mill-Istat Membru fis-suq fejn il-prodott jitqiegħed jew jitqiegħed għad-dispożizzjoni.

Fejn leġislazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni tirrikjedi l-applikazzjoni ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li tkun tal-anqas stretta daqs ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1) ta' din id-Direttiva, il-konformità magħhom tista' tintwera fil-kuntest ta' dik il-proċedura. Tista' titfassal dokumentazzjoni teknika waħda.

3. Meta jfassal id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, il-manifattur għandu jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-EEE ma' din id-Direttiva.

Artikolu 14

Prinċipji ġenerali tal-marka CE

Il-marka CE għandha tkun soġġetta għall-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Artikolu 15

Regoli u kondizzjonijiet għat-twaħħil tal-marka CE

1. Il-marka CE għandha titwaħħal fuq l-EEE lest jew fuq il-pjanċa tad-data tiegħu b'mod li tkun tidher, tkun tista' tinqara u ma titħassarx. Meta dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx ġustifikat minħabba n-natura tal-EEE, il-marka CE għandha titwaħħal fuq l-imballaġġ u mad-dokumenti li jakkumpanjawh.

2. Il-marka CE għandha titwaħħal qabel ma l-EEE jitqiegħed fis-suq.

3. L-Istati Membri għandhom ikompli jiżviluppaw il-mekkaniżmi eżistenti sabiex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tas-sistema li tirregola l-marka CE u jieħdu azzjoni xierqa f'każ ta' użu skorrett tal-marka CE. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal pjeni għall-ksur, li jistgħu jinkludu sanzjonijiet kriminali meta jkun hemm ksur gravi. Dawk il-pjeni għandhom ikunu proporzjonati għall-gravità tar-reat u jikkostitwixxu deterrent effikaċi kontra użu skorrett.

Artikolu 16

Preżunzjoni ta' konformità

1. Fin-nuqqas ta' evidenza kuntrarja, l-Istati Membri għandhom jippreżumu li EEE bil-marka CE huma konformi ma' din id-Direttiva.

▼B

2. Il-materjali, il-komponenti u l-EEE li fuqhom twettqu t-testijiet u l-kejl li juru konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4, jew li ġew ivvalutati f'konformità mal-istandards armonizzati, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu preżunti li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 17***Oġġezzjoni formali għal standard armonizzat**

1. Meta Stat Membru jew il-Kummissjoni jikkunsidraw li standard armonizzat ma jissodisfax għal kollox ir-rekwiżiti li jkopri u li huma stipulati fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni jew l-Istat Membru konċernat għandhom iressqu l-kwistjoni quddiem il-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE, u jagħtu r-raġunijiet tagħhom. Il-Kumitat, wara li jikkonsulta lill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej rilevanti, għandu jagħti l-opinjoni tiegħu mingħajr dewmien.

2. Fid-dawl tal-opinjoni tal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li tippubblika, li ma tippubblikax, li tippubblika b'mod ristrett, li żżomm, li żżomm b'mod ristrett jew li tirtira r-referenzi għall-istandard armonizzat konċernat fi jew minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-korp ta' standardizzazzjoni Ewropew ikkonċernat u, jekk ikun meħtieġ, titlob li jkunu riveduti l-istandards armonizzati kkonċernati.

*Artikolu 18***Sorveljanza tas-suq u kontrolli tal-EEE li jidħlu fis-suq tal-Unjoni**

L-Istati Membri għandhom iwettqu s-sorveljanza tas-suq skont l-Artikoli 15 sa 29 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

*Artikolu 19***Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhjna mill-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 20***Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħat li tadotta l-atti ddelegati msemmijin fl-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6 għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perijodu ta' 5 snin mill-21 ta' Lulju 2011. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tas-segħat delegati sa mhux aktar tard minn 6 xhur qabel ma jintemm il-perijodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi awtomatikament estiża għal perijodi ta' żmien identiċi sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokawhiex skont l-Artikolu 21.

▼B

2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwarha.
3. Is-setgħat biex tadotta atti delegati jingħataw lill-Kummissjoni soġġetti għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 21 u 22.

*Artikolu 21***Revoka tad-delega**

1. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.
2. L-istituzzjoni li tkun bdiet il-proċedura interna għad-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi rrevokata d-delega tas-setgħat għandha tagħmel ħilitha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, b'indikazzjoni tal-setgħat delegati li jistgħu jkunu soġġetti għal revoka u r-raġunijiet possibbli għar-revoka.
3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tieħu effett minnufih jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 22***Oġġezzjonijiet għal atti delegati**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'perijodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika.

Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.

2. Jekk, meta jiskadi l-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data stipulata fih.

L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel ma jiskadi dak il-perijodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jressqux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għall-att delegat fil-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet tal-oġġezzjoni tagħha għall-att delegat.



Artikolu 23

Pieni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti jridu jkunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sat-2 ta' Jannar 2013, u għandhom jinnotifikawha wkoll minnufih dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwawhom.

Artikolu 24

Rieżami

1. Sa mhux aktar tard mit-22 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni għandha teżamina l-ħtieġa li jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-EEE msemmi fl-Artikolu 2, u għandha tippreżenta rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' proposta leġislattiva, jekk tkun xierqa, fir-rigward ta' kwalunkwe esklużjoni addizzjonali fir-rigward ta' dik l-EEE.

2. Sa mhux aktar tard mit-22 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ġenerali ta' din id-Direttiva, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' proposta leġislattiva, jekk tkun xierqa.

Artikolu 25

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippublikaw, sat-2 ta' Jannar 2013, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandhom jagħmlu referenza għal din id-Direttiva jew jinkludu din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 26

Tħassir

Id-Direttiva 2002/95/KE, kif emendata bl-atti elenkati fl-Anness VII, il-Parti A titħassar b'effett mit-3 ta' Jannar 2013 mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttiva stipulata fl-Anness VII, il-Parti B.

Ir-referenzi għall-atti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VIII.

▼B

Artikolu 27

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 28

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.



ANNEX I

Kategoriji ta' EEE koperti b'din id-Direttiva

1. Apparat elettrodomestiku kbir
2. Apparat elettrodomestiku żgħir
3. Tagħmir tal-informatika u t-telekomunikazzjoni
4. Tagħmir tal-konsumatur
5. Tagħmir tat-tidwil
6. Għodda elettrika u elettronika
7. Ġugarelli, tagħmir ta' divertiment u tal-isport
8. Apparat mediku
9. Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll inklużi strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali
10. Apparat ta' distribuzzjoni awtomatika
11. EEE ieħor mhux kopert mill-kategoriji t'hawn fuq.

▼B

ANNEX II

**Sustanzi ristretti msemmija fl-Artikolu 4(1) u valuri ta' konċentrazzjoni
massima ttolerati skont il-piż f'materjali omoġenji**

Ċomb (0,1 %)

Merkurju (0,1 %)

Kadmju (0,01 %)

Kromju eżavalenti (0,1 %)

Bifenili polibrominati (PBB) (0,1 %)

Eteri difenili polibrominati (PBDE) (0,1 %)

▼ **B**

ANNEX III

Applikazzjonijiet eżentati mir-restrizzjoni fl-Artikolu 4(1)

	Eżenzjoni	Ambitu u dati tal-applikabbiltà
1	Il-merkurju f'bozoz fluworexxenti b'kappa waħda (kompatta) li ma jaqbiżx (għal kull burner):	
1(a)	Għal skopijiet ta' illuminazzjoni ġenerali < 30 W: 5 mg	Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 sal- 31 ta' Diċembru 2012 jistgħu jintużaw 3,5 mg għal kull burner; Wara l-31 ta' Diċembru 2012 għandhom jintużaw 2,5 mg għal kull burner
1(b)	Għal skopijiet ta' illuminazzjoni ġenerali \geq 30 W and < 50 W: 5 mg	Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 3,5 mg għal kull burner
1(c)	Għal skopijiet ta' illuminazzjoni ġenerali \geq 50 W u < 150 W: 5 mg	
1(d)	Għal skopijiet ta' illuminazzjoni ġenerali \geq 150 W: 15 mg	
1(e)	Għal skopijiet ta' illuminazzjoni ġenerali b'forma strutturali ċirkolari jew kwadra u dijametru tat-tubu \leq 17 mm	L-ebda limitu fuq l-użu sal-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 7 mg għal kull burner
1(f)	Għal skopijiet speċjali: 5 mg	
▼ M16		
1(g)	Għal skopijiet ta' illuminazzjoni ġenerali < 30 W b'ħajja ta' 20 000 siegħa jew iktar: 3,5 mg	Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017
▼ B		
2(a)	Il-merkurju f'bozoz fluworexxenti lineari b'kappa doppja għal skopijiet ta' illuminazzjoni ġenerali li ma jaqbiżx (għal kull bozza):	
2(a)(1)	Sustanza li tifluworexxi fi tliet frekwenzi b'ċiklu tal-ħajja normali u dijametru tat-tubu < 9 mm (eż. T2): 5 mg	Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 4 mg għal kull bozza
2(a)(2)	Sustanza li tifluworexxi fi tliet frekwenzi b'ċiklu tal-ħajja normali u dijametru tat-tubu \geq 9 mm u \leq 17 mm (eż. T5): 5 mg	Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 3 mg għal kull bozza
2(a)(3)	Sustanza li tifluworexxi fi tliet frekwenzi b'ċiklu tal-ħajja normali u dijametru tat-tubu > 17 mm u \leq 28 mm (eż. T8): 5 mg	Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 3,5 mg għal kull bozza
2(a)(4)	Sustanza li tifluworexxi fi tliet frekwenzi b'ċiklu tal-ħajja normali u dijametru tat-tubu > 28 mm (eż. T12): 5 mg	Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012; Wara l-31 ta' Diċembru 2012 jistgħu jintużaw 3,5 mg għal kull bozza
2(a)(5)	Sustanza li tifluworexxi fi tliet frekwenzi b'ċiklu tal-ħajja twil (\geq 25 000 siegħa): 8 mg	Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 5 mg għal kull bozza
2(b)	Il-merkurju f'bozoz fluworexxenti oħra li ma jaqbiżx (għal kull bozza):	
2(b)(1)	Bozoz lineari tal-alofosfati b'dijametru tat-tubu > 28 mm (eż. T10 u T12): 10 mg	Tiskadi fit-13 ta' April 2012
2(b)(2)	Bozoz mhux lineari tal-alofosfati (id-dijametri kollha): 15 mg	Tiskadi fit-13 ta' April 2016
2(b)(3)	Bozoz mhux lineari b'sustanza li tifluworexxi fi tliet frekwenzi b'dijametru tat-tubu > 17 mm (eż. T9)	L-ebda limitu fuq l-użu sal-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 15 mg għal kull bozza

▼ B

	Eżenzjoni	Ambitu u dati tal-applikabbiltà
2(b)(4)	Bozoz għal skopijiet oħra ta' illuminazzjoni ġenerali u speċjali (eż. bozoz ta' induzzjoni)	L-ebda limitu fuq l-użu sal-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 15 mg għal kull bozza
3	Il-merkurju f'bozoz fluworexxenti b'katodu kiesaħ u bozoz fluworexxenti b'elettrodu estern (CCFL u EEFL) għal skopijiet speċjali li ma jaqbiżx (għal kull lampa):	
3(a)	Tul qasir (≤ 500 mm)	L-ebda limitu fuq l-użu sal-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 3,5 mg għal kull bozza
3(b)	Tul medju (> 500 mm u $\leq 1\,500$ mm)	L-ebda limitu fuq l-użu sal-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 5 mg għal kull bozza
3(c)	Tul twil ($> 1\,500$ mm)	L-ebda limitu fuq l-użu sal-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 13 mg għal kull bozza
4(a)	Il-merkurju f'bozoz oħra b'discharge taħt pressjoni baxxa (għal kull bozza):	L-ebda limitu fuq l-użu sal-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 15 mg għal kull bozza
4(b)	Il-merkurju f'bozoz tas-Sodju (fwar) Taħt Pressjoni Għolja għal skopijiet ta' illuminazzjoni ġenerali li ma jaqbiżx (għal kull burner) f'bozoz b'indiċi tal-apparenza tal- kulur imtejjeb $Ra > 60$:	
4(b)-I	$P \leq 155$ W	L-ebda limitu fuq l-użu sal-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 30 mg għal kull burner
4(b)-II	155 W $< P \leq 405$ W	L-ebda limitu fuq l-użu sal-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 40 mg għal kull burner
4(b)-III	$P > 405$ W	L-ebda limitu fuq l-użu sal-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 40 mg għal kull burner
4(c)	Il-merkurju f'bozoz oħra tas-Sodju (fwar) Taħt Pressjoni Għolja għal skopijiet ta' illuminazzjoni ġenerali li ma jaqbiżx (għal kull burner):	
4(c)-I	$P \leq 155$ W	L-ebda limitu fuq l-użu sal-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 25 mg għal kull burner
4(c)-II	155 W $< P \leq 405$ W	L-ebda limitu fuq l-użu sal-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 30 mg għal kull burner
4(c)-III	$P > 405$ W	L-ebda limitu fuq l-użu sal-31 ta' Diċembru 2011; Wara l-31 ta' Diċembru 2011 jistgħu jintużaw 40 mg għal kull burner
4(d)	Il-merkurju f'bozoz tal-Merkurju (fwar) Taħt Pressjoni Għolja (HPMV)	Tiskadi fit-13 ta' April 2015
4(e)	Il-merkurju f'bozoz tal-alid tal-metall (MH)	

▼ B

	Eżenzjoni	Ambitu u dati tal-applikabbiltà
4(f)	Il-merkurju f'bozoz oħra b' discharge għal skopijiet speċjali mhux imsemmija speċifikament f'dan l-Anness	
▼ M26		
4(g)	Il-merkurju ftubi bi skariku luminuż magħmula bl-idejn użati għas-sinjali, kemm dawk dekorattivi kif ukoll dawk arkitettoniċi, għad-dawl speċjalizzat u għall-opri tal-arti bid-dawl, fejn il-kontenut tal-merkurju għandu jkun limitat kif ġej: (a) 20 mg għal kull par elettrodu + 0,3 mg għat-tul ta' kull tubu f'cm, iżda mhux aktar minn 80 mg, għall-applikazzjonijiet fuq barra u għall-applikazzjonijiet fuq ġewwa esposti għal temperaturi taħt 1-20 °C; (b) 15 mg għal kull par elettrodu + 0,24 mg għat-tul ta' kull tubu f'cm, iżda mhux aktar minn 80 mg, għall-applikazzjonijiet fuq ġewwa l-oħra kollha.	Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018
▼ B		
5(a)	Iċ-ċomb fil-ħġieġ ta' tubi vakwi	
5(b)	Ċomb fil-ħġieġ ta' tubi fluworexxenti li ma jaqbix 0,2 % skont il-piż	
6(a)	Iċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar għal skopijiet ta' xogħol bil-magni (machining) u fl-azzar galvanizzat sa 0,35 % ċomb skont il-piż	
6(b)	Iċ-ċomb bħala element ta' lligar f'aluminju li jkun fiha sa 0,4 % ċomb skont il-piż	
6(c)	Liga tar-ram li jkun fiha sa 4 % ċomb skont il-piż	
7(a)	Iċ-ċomb fi stann tat-tip li jdewweb f'temperaturi għoljin (jiġifieri l-liġi b'bażi ta' ċomb li jkun fihom 85 % ċomb jew aktar skont il-piż)	
7(b)	Iċ-ċomb fi stann ta' oġġetti li jservu, sistemi ta' ħżin u ta' wiri ordnat tal-ħżin, tagħmir tal-infrastrutturi tan-netwerks għas-swiċċjar, is-sinjalar, it-trażmissjoni u l-ġestjoni tan-netwerks għat-telekomunikazzjoni	
7(c)-I	Komponenti elettriċi u elettroniċi li jkun fihom iċ-ċomb fi ħġieġa jew ċeramika għajr iċ-ċeramika dielettrika fil-kapaċitaturi, eż. apparat pjezoelettroniku, jew f'kompost b'matriċi tal-ħġieġ jew taċ-ċeramika	
7(c)-II	Iċ-ċomb f'ċeramika dielettrika f'kapaċitaturi għal vultaġġ nominali ta' 125 V AC jew 250 V DC jew ogħla	
7(c)-III	Iċ-ċomb f'ċeramika dielettrika f'kapaċitaturi għal vultaġġ nominali ta' anqas minn 125 V AC jew 250 V DC	Tiskadi fl-1 ta' Jannar 2013 u wara dik id-data jista' jintuża fil-partijiet għall-bdil għall-EEE imqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2013
▼ M1		
7(c)-IV	Ċomb fil-materjali dielettrici taċ-ċeramika bbażati fuq il-PZT għal kapasiters li jiffurmaw parti minn ċirkwiti integrati jew semikondutturi diskreti	Tiskadi fil-21 ta' Lulju 2016

▼ B

	Eżenzjoni	Ambitu u dati tal-applikabbiltà
8(a)	Il-kadmju u l-komposti tiegħu f'apparat ta' inter-ruzzjoni termali f'darba tat-tip b'pelit.	Tiskadi fl-1 ta' Jannar 2012 u wara dik id-data jista' jintuża fil-partijiet għall-bdil għall-EEE imqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2012
8(b)	Il-kadmju u l-komposti tiegħu f'kuntatti elettriċi	
9	Il-kromju eżivalenti bħal aġent kontra l- korrozzjoni tas-sistema tat-tkessiħ tal-karbonju u l-azzar fi frig-ġijiet tal-assorbiment sa 0,75 % skont il-piż fis-soluzzjoni tat-tkessiħ	
9(b)	Iċ-ċomb f'ċilindri ta' ġewwa u ta' barra tal-bearings għal kompressuri li jkun fihom refriġerant għall-applikazzjoniet ta' tisħin, ventilazzjoni, kundizzjonar tal-arja u refriġerazzjoni (HVACR)	
11(a)	Iċ-ċomb użat f'sistemi ta' konnetturi tal- pinnijiet konformi mas-C-press.	Jista' jintuża fil-partijiet għall-bdil għall-EEE imqiegħed fis-suq qabel l-24 ta' Settembru 2010
11(b)	Iċ-ċomb użat f'sistemi ta' konnetturi tal- pinnijiet oħra li ma jkunux dawk konformi mas-C-press	Tiskadi fl-1 ta' Jannar 2013 u wara dik id-data jista' jintuża fil-partijiet għall-bdil għall-EEE imqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2013
12	Iċ-ċomb bħala materjal għall-kisi għall-modulu ta' trażmissjoni termali C-ring	Jista' jintuża fil-partijiet għall-bdil għall-EEE imqiegħed fis-suq qabel l-24 ta' Settembru 2010
13(a)	Ċomb fi ħġieġ abjad użat għal applikazzjonijiet ottiċi	
13(b)	Il-kadmju u ċ-ċomb fi ħġieġ li jiffiltra u ħġieġ użat għall-istandards tar-riflettanza	
14	Iċ-ċomb fl-istann li jikkonsisti f'aktar minn żewġ elementi għall-konnessjoni bejn il- pinnijiet u l-pakkett tal-mikroproċessuri b'kontenut ta' ċomb ta' 80 % jew aktar u anqas minn 85 % skont il-piż	Skadiet fl-1 ta' Jannar 2011 u wara dik id-data jista' jintuża fil-partijiet għall-bdil għall-EEE imqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2011
15	Iċ-ċomb fl-istann li jikkompleta konnessjoni elettriċa vijabbli bejn id-damma tas-semikonduttur u carrier fi ħdan ċirkwit integrat ta' pakketti flip chip	
16	Iċ-ċomb f'bozoz inkandexxenti lineari b'tubi miksija bis-silikat	Tiskadi fl-1 ta' Settembru 2013
17	L-alid taċ-ċomb bħala aġent jiddi f'bozoz b'discharge ta' intensità għolja (HID) użat għal applikazzjonijiet ta' reprografija professjonali	
18(a)	Iċ-ċomb bħala attivatur fit-trab fluworexxenti (1 % ċomb skont il-piż jew anqas) ta' bozoz b'discharge meta jintużaw bħala bozoz speċjali fir-reprografija tal-istampar bid-diażo, il-litografija, in-nases tal-insetti, il-proċessi fotokimiċi u ta' vulkanizzazzjoni li fihom il- fosfri bħall-SMS ((Sr,Ba) ₂ MgSi ₂ O ₇ :Pb)	Skadiet fl-1 ta' Jannar 2011
18(b)	Iċ-ċomb bħala attivatur fit-trab fluworexxenti (1 % ċomb skont il-piż jew anqas) ta' bozoz b'discharge meta jintużaw bħala lampi għat- tismir li fihom il-fosfri bħall-BSP (BaSi ₂ O ₅ :Pb)	

▼ B

	Eżenzjoni	Ambitu u dati tal-applikabbiltà
19	Iċ-ċomb bil-PbBiSn-Hg u l-PbInSn-Hg f'kompożizzjonijiet speċifiċi bħala amalgamu prinċipali u bil-PbSn-Hg bħala amalgamu awżiljarju f'bozoz li jiffrankaw l-enerġija (ESL) kompatti ħafna	Tiskadi fl-1 ta' Ġunju 2011
20	L-ossidu taċ-ċomb fil-ħġieġ użat biex jgħaqqad flimkien is-sustrati ta' quddiem u ta' wara tal-bozoz fluworexxenti ċatti użati fl-iskrins tal-kristalli likwidi (LCD)	Tiskadi fl-1 ta' Ġunju 2011
21	Iċ-ċomb u l-kadmju fil-linka tal-istampar għall-applikazzjoni ta' enamels fuq ħġieġ, bħall-ħġieġ tal-borosilikat u tal-gir sodat (soda lime).	
23	Iċ-ċomb f'finituri ta' komponenti fine pitch li ma jkunux konnetturi b'pitch ta' 0,65 mm jew inqas	Jista' jintuża fil-partijiet għall-bdil għall-EEE imqiegħed fis-suq qabel l-24 ta' Settembru 2010
24	Iċ-ċomb fl-istann li jintuża għall-issaldjar ma' kapaċitaturi b'aktar minn saff wieħed diskoj dali, b'toqob imħaffra fihom	
25	L-ossidu taċ-ċomb li jintuża fl-iskrins li jemettu l-elettroni permezz tat-trażmissjoni mas-superfiċje (SED) li jintużaw f'elementi strutturali, notevolment fil-frit tas-sigillari u ċ- ċirku tal-frit	
26	L-ossidu taċ-ċomb fl-envelop tal-ħġieġ ta' bozoz blu b'dawl iswed	Tiskadi fl-1 ta' Ġunju 2011
27	Il-liġi taċ-ċomb bħala stann għat-transdutturi li jintużaw fi spikers qawwija (deżinjati biex joperaw għal diversi sığhat f'livelli ta' qawwa akustika ta' 125dB SPL u aktar)	Skadjet fl-24 ta' Settembru 2010
29	Iċ-ċomb fil-ħġieġ tal-kristall kif iddefinit fl- Anness I (II-kategoriji 1, 2, 3 u 4) tad- Direttiva tal-Kunsill 69/493/KEE (1)	
30	Il-liġi tal-kadmju użati bħala ġonot tal-istann elettriċi/mekkaniċi għal kondutturi elettriċi li jinsabu direttament fuq il-kojl tal-vuċi fi transdutturi użati fi spikers qawwija b'livelli ta' pressjoni ta' ħoss ta' 100 dB (A) jew aktar	
31	Iċ-ċomb f'materjali tal-issaldjar f'bozoz fluworexxenti ċatti mingħajr merkurju (li pereżempju jintużaw għal skrins tal-kristalli likwidi, iddisinjari jew f'dawl industrijali)	
32	L-ossidu taċ-ċomb fi frit tas-sigillari li jintuża fil-manifattura tal-immuntar tat-twieqi għat- tubi tal-lejżer Argon u Krypton	
33	Iċ-ċomb fl-istann li jintuża għall-issaldjar ta' wajers irqaq tar-ram ta' dijametru ta' 100 µm u anqas fit-transformers tal-enerġija	

▼ **B**

	Eżenzjoni	Ambitu u dati tal-applikabbiltà
34	Iċ-ċomb fl-elementi ta' potenzjometru trimmer abbażi taċ-ċermit	
36	Il-merkurju użat bħala inibitur tat-textix tal- katodu fl-iskrins tal-plażma DC li jkun fihom sa massimu ta' 30 mg għal kull skrin	Skadiet fl-1 ta' Lulju 2010
37	Iċ-ċomb fis-saff tal-kisi ta' diodes ta' vultaġġ għoli abbażi ta' korp tal-ħġieġ tal-borat taż- żingu	
38	Il-kadmju u l-ossidu tal-kadmju f'pejsts b'rita ħoxna użati fuq ossidu tal-berilju marbut mal-aluminju	
39	Il-kadmju fl-LEDs II-VI tal-konverżjoni tal- ilwien (< 10 µg Cd/mm ² ta' medda li tarmi d-dawl) għall-użu f'sistemi ta' stat solidu għall-illuminazzjoni jew turija	Tiskadi fl-1 ta' Lulju 2014
▼ M2		
40	Kadmju fil-fotoreżisturi għal akkoppjaturi ottiċi analogi applikati f'taġħmir awdjo professjonali	Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013
▼ M22		
41	Iċ-ċomb fl-issaldjar u fix-xogħlijiet tal-aħħar ta' komponenti elettriċi u elettroniċi u fix-xogħlijiet tal-aħħar tal-unitajiet ta' ċirkwit stampati użati fil-moduli ta' ignixin u f'sistemi oħrajn ta' kontroll, kemm elettriċi kif ukoll elettroniċi, tal-magna, li għal raġunijiet tekniċi għandhom jiġu mmuntati direttament fuq il-kaxxa tal-krank jew fuq iċ-ċilindru ta' magni tal-kombustjoni li jinżammu fl-idejn (il-klassijiet SH:1, SH:2, SH:3 tad-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾)	Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018

▼ **B**

⁽¹⁾ ĠU L 326, 29.12.1969, p. 36.

► **M22** ⁽²⁾ Id-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri kontra l-emissjoni ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq, (ĠU L 59, 27.2.1998, p. 1). ◀

▼B*ANNEX IV***Applikazzjonijiet eżentati mir-restrizzjoni fl-Artikolu 4(1) speċifiċi għall-apparat mediku u l-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll**

Tagħmir li juża jew li jindividwa radjazzjoni jonizzanti

1. Iċ-ċomb, il-kadmju u l-merkurju f'tagħmir għar-rilevament tar-radjazzjoni jonizzanti
2. Il-bearings taċ-ċomb f'tubi tar-raġġi X
3. Iċ-ċomb fi strumenti tal-amplifikazzjoni tar-radjazzjoni elettromanjetika: plejt għall-micro-channel u plejt kapillari
4. Iċ-ċomb fi frit tal-ħġieġ tat-tubi tar-raġġi X u intensifikaturi tal-immaġni u ċ-ċomb fi frit tal-ħġieġ li jintuża bħala materjal li jgħaqqad għall-armor ta' lejżers tal-gass u għal tubi b'vakum li jbiddu radjazzjoni manjetika f'elettroni
5. Iċ-ċomb f'ilqugħ ta' protezzjoni mir-radjazzjoni jonizzanti
6. Iċ-ċomb f'oġġetti tal-ittestjar bir-raġġi X
7. Il-kristalli tal-istearat taċ-ċomb għad-diffrazzjoni tar-raġġi X
8. Sors tal-iżotopi tal-kadmju radjuattiv għal spettrometri fluworexxenti portabbli tar-raġġi

Sensers, ditekters u elettrodi

- 1a. Iċ-ċomb u l-kadmju f'elettrodi selettivi għall-joni inkluż il-ħġieġ tal-elettrodi tal-pH
- 1b. Anodi taċ-ċomb f'sensers tal-ossiġenu elettrokimiċi
- 1c. Iċ-ċomb, il-kadmju u l-merkurju f'tagħmir għar-rilevament tad-dawl infraaħmar
- 1d. Il-merkurju f'elettrodi ta' referenza: il-klorur tal-merkurju b'kontenut baxx ta' klorur, is-sulfat tal-merkurju u l-ossidu tal-merkurju

Oħrajn

9. Il-kadmju f'lejżers tal-elju-kadmju
10. Iċ-ċomb u l-kadmju f'lampi tal-ispettroskopija ta' assorbiment atomiku
11. Iċ-ċomb f'liġi bħala supertrażmettitori u trażmettitori termali fl-MRI

▼M11

12. Ċomb u kadmju fir-rabtiet metalliċi li joħolqu ċirkwiti manjetiċi superkonduktivni fid-ditekters MRI, SQUID, NMR (Nuclear Magnetic Resonance) jew FTMS (Fourier Transform Mass Spectrometer). Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2021.

▼B

13. Iċ-ċomb f'kontrapizijiet
14. Iċ-ċomb f'materjali pizeoletttriċi monokristallini għal transducers ultrasoniċi
15. Iċ-ċomb fi stannijiet għall-irbit ma' transducers ultrasoniċi
16. Il-merkurju fi brigġijiet ta' kapaċitanza b'akkuratezza għolja ħafna u ta' kejl ta' telf u fi swiċċijiet RF ta' frekwenza għolja u rilejs fi strumenti ta' monitoraġġ u kontroll li ma jaqbiżx 20 mg ta' merkurju f'kull swiċċ jew rilej
17. Iċ-ċomb fi stannijiet f'defibrillaturi ta' emerġenza portabbli
18. Lead in solders of high performance infrared imaging modules to detect in the range 8–14 μm

▼ B

19. Iċ-ċomb fil-kristalli likwidi fuq skrins tas-silkon (LcoS)
20. Il-kadmju f'filters tat-tkejjil tar-raġġi X

▼ M4

21. Il-kadmju fil-kisjiet tal-fosfru fl-intensifikaturi tal-immaġni għal ritratti bir-raġġi X sal-31 ta' Diċembru 2019 u fil-parts ta' sostituzzjoni għas-sistemi tar-raġġi X imqiegħda fis-suq tal-UE qabel l-1 ta' Jannar 2020.

▼ M5

22. Aċetat taċ-ċomb għall-użu bħala markatur fil-head-frames stereotattici għall-użu fis-CT (Computed Tomography) u fl-MRI u fis-sistemi ta' pozzizzjonament għat-tagħmir tat-terapija bir-raġġi gamma u t-terapija bil-partikoli Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2021.

▼ M3

23. Iċ-ċomb bħala element ta' liga għall-berings u l-uċuħ li jittieklu fit-tagħmir mediku espost għar-radjazzjoni jonizzanti. Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2021.

▼ M6

24. Iċ-ċomb li jippermetti konnessjonijiet ermetiċi bejn l-aluminju u l-azzar fl-intensifikaturi tal-immaġnijiet bir-raġġi X. Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2019.

▼ M8

25. Ċomb fil-kisi tal-uċuħ tas-sistemi tal-konnetturi bil-pinnijiet li jirrikjedu konnetturi mhux manjetiċi reżistenti għall-użu f'temperaturi inqas minn $-20\text{ }^{\circ}\text{C}$ f'kundizzjonijiet normal ta' tħaddim u ħżin. Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2021.

▼ M29

26. Iċ-ċomb fl-applikazzjonijiet li ġejjin li huma reżistenti għall-użu f'temperaturi ta' inqas minn $-20\text{ }^{\circ}\text{C}$ f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim u ħżin:

- (a) stann ta' unitajiet ta' ċirkwit stampati;
- (b) kisjiet tat-terminazzjoni tal-komponenti elettriċi u elettroniċi u kisjiet tal-unitajiet ta' ċirkwit stampati;
- (c) stann għall-wajers u l-kejbils ta' konnessjoni;
- (d) stann għall-konnessjoni ta' transdjusers u sensors.

Iċ-ċomb fi stann ta' konnessjonijiet elettriċi tas-sensors tal-kejl tat-temperatura f'apparat li huwa mfassal biex jintuża perjodikament f'temperaturi taħt $-150\text{ }^{\circ}\text{C}$.

Dawn l-eżenzjonijiet jiskadu fit-30 ta' Ġunju 2021.

▼ M9

27. Ċomb fi
 - stann,
 - kisjiet tat-terminazzjoni tal-komponenti elettriċi u elettroniċi u kisjiet tal-unitajiet ta' ċirkwit stampati,
 - konnessjonijiet tal-wajers elettriċi, ilqugħ u konnetturi magħluqa,
 li jintużaw
 - (a) f'kampji manjetiċi fl-isfera ta' raġġ ta' 1 m madwar l-isoċentru tal-kalamita fit-tagħmir mediku tal-produzzjoni tal-immaġni bir-reżonanza manjetika, inkluż il-monitors tal-pazjenti mfasslin biex jintużaw f'din l-isfera, jew
 - (b) f'kampji manjetiċi inqas minn 1 m distanza mill-uċuħ esterni tal-kalamiti ċiklotronici, il-kalamiti għat-trasport tar-raġġi jew għall-kontroll tad-direzzjoni tar-raġġi applikati għat-terapija tal-partikoli.

Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2020.

▼ M10

28. Ċomb fl-istann għall-immuntar tad-ditekters diġitali tat-tellurur tal-kadmju u tat-tellurur tal-kadmju u ż-żingu mal-bordijiet taċ-ċirkwit stampati. Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017.

▼ M12

29. Ċomb fil-liġi, bħala superkonduttur jew konduttur termali, użat fil-cold heads tar-refriġeraturi krijoġeniċi u/jew fis-sondi kesħin imkessħin b'mod krijoġeniku u/jew fis-sistemi ta' rbit ekwipotenzjali mkessħin b'mod krijoġeniku, f'tagħmir mediku (kategorija 8) u/jew fi strumenti industrijali ta' monitoraġġ u kontroll bħalissa mhijiex possibbli. Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2021.

▼ M13

30. Kromju eżivalenti fid-dispensaturi tal-alkali użati għall-ħolqien tal-fotokatodi fl-intensifikaturi tal-immaġnijiet bir-raġġi X sal-31 ta' Diċembru 2019 u fil-parts ta' sostituzzjoni għas-sistemi bir-raġġi X imqiegħda fis-suq tal-UE qabel l-1 ta' Jannar 2020.

▼ M17

31. Ċomb, kadmju u kromju eżivalenti fil-parts ta' sostituzzjoni użati mill-ġdid, irkuprati minn tagħmir mediku mqiegħed fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2014 u użat f'tagħmir tal-kategorija 8 mqiegħed fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2021, bil-kundizzjoni li dan l-użu mill-ġdid iseħħ f'sistemi ta' rkupru bejn negozji b'ċiklu magħluq u verifikabbli, u li l-użu mill-ġdid tal-partijiet jiġi nnotifikat lill-konsumatur. Tiskadi fil-21 ta' Lulju 2021.

▼ M14

32. Ċomb fi stann fuq bordijiet ta' ċirkwiti stampati tad-ditekters u l-unitajiet tal-akkwist tad-dejta għal Tomografi tal-Emissjoni tal-Pozitroni li jkunu integrati f'tagħmir tar-Ritratti bir-Reżonanza Manjetika. Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2019.

▼ M15

33. Ċomb fi stann fuq bordijiet taċ-ċirkwiti stampati popolati użati f'tagħmir mediku mobbli tal-klassi IIa u IIb tad-Direttiva 93/42/KEE minbarra d-difibrillaturi tal-emerġenza li jinġarru fl-idejn. Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2016 għall-klassi IIa u fil-31 ta' Diċembru 2020 għall-klassi IIB.

▼ M18

34. Iċ-ċomb jintuża bħala attivatur fit-trab fluworexxenti tal-bozoz bi skariku elettriku li jintużaw għal bozoz tal-fotofereżi ekstrakorporea li fihom il-fosfori BSP (BaSi₂O₅:Pb) Tiskadi fit-22 ta' Lulju 2021.

▼ M25

35. Il-merkurju f'bozoz florexxenti bil-katodu kiesaħ għal skrins bil-kristalli likwidi li jixegħlu minn wara, mhux aktar minn 5 mg għal kull bozza, użati fi strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali mqiegħda fis-suq qabel it-22 ta' Lulju 2017

Tiskadi fil-21 ta' Lulju 2024.

▼ M24

36. Iċ-ċomb użat f'sistemi ta' konnetturi tal-pinnijiet oħra li ma jkunux daww konformi mas-C-press għal strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali.

Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020. Jista' jintuża wara din id-data f'partijiet ta' rikambju għal strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2021.

▼ **M23**

37. Iċ-ċomb felettrodi tal-platinu platinizzat użati għall-kejl tal-konduttività fejn tapplika tal-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) kejl fuq firxa wiesgħa b'firxa ta' konduttività li tkopri aktar minn daqs wieħed (eż. firxa bejn 0,1 mS/m u 5 mS/m) fl-applikazzjonijiet tal-laboratorju għal konċentrazzjonijiet mhux magħrufa;
- (b) kejl ta' soluzzjonijiet meta jkunu meħtieġa preċiżjoni ta' +/- 1 % tal-kampjun tal-firxa u reżistenza qawwija għall-korrużjoni tal-elettrodu għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (i) soluzzjonijiet b'aċidità < pH 1;
 - (ii) soluzzjonijiet b'alkalinità < pH 13;
 - (iii) soluzzjonijiet korrużivi li jkun fihom il-gass aloġenu.
- (c) kejl ta' konduttivitajiet aktar minn 100 mS/m li jrid jitwettaq bi strumenti portabbli.

Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018.

▼ **M21**

38. Iċ-ċomb fl-issaldjar f'interfaċċa waħda ta' elementi stampati stivati li jintużaw fuq superfiċe kbira b'aktar minn 500 interkonnettur għal kull interfaċċa użati fid-ditekters tar-raġġi-X tas-sistemi CT (tomografija komputata) u tas-sistemi tar-raġġi-X

Jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2019. Wara dik id-data jista' jintuża fil-partijiet tar-rikambju għas-sistemi CT u għas-sistemi tar-raġġi-X mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2020.

▼ **M20**

39. Iċ-ċomb fil-pjanċi għall-micro-channel (MCPs) użati f'tagħmir fejn minn tal-inqas hija preżenti waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

- (a) ditekter ta' daqs kompatt għall-elettroni jew għall-joni, meta l-ispazju għad-ditekter huwa limitat għal massimu ta' 3 mm/MCP (il-ħxuna tad-ditekter + l-ispazju għall-installazzjoni tal-MCP), massimu ta' 6 mm b'kollox, u disinn alternattiv li jippermetti aktar spazju għad-ditekter mhuwieq Prattiku la mil-lat xjentifiku u lanqas mil-lat tekniku;
- (b) riżoluzzjoni spazjali b'żewġ dimensjonijiet għad-detezzjoni tal-elettroni jew tal-joni, meta japplika minn tal-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (i) ħin ta' rispons li huwa inqas minn 25 ns;
 - (ii) kampjun ta' erja ta' detezzjoni akbar minn 149 mm²;
 - (iii) fattur ta' multiplikazzjoni akbar minn $1,3 \times 10^3$.
- (c) ħin ta' rispons li huwa iqsar minn 5 ns għad-detezzjoni tal-elettroni jew tal-joni;
- (d) kampjun ta' erja ta' detezzjoni akbar minn 314 mm² għad-detezzjoni tal-elettroni jew tal-joni;
- (e) fattur b'multiplikazzjoni akbar minn $4,0 \times 10^7$.

L-eżenzjoni tiskadi fid-dati li ġejjin:

- (a) fil-21 ta' Lulju 2021 għall-apparat mediku u għall-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll;
- (b) fil-21 ta' Lulju 2023 għall-apparat mediku dijanjostiku *in vitro*;
- (c) fil-21 ta' Lulju 2024 għall-istrumenti industrijali ta' monitoraġġ u kontroll

▼ M19

40. Iċ-ċomb f'ċeramika dielettrika f'kapasiters għal vultaġġ nominali ta' inqas minn 125 V AC jew 250 V DC użati fi strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali.

Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020. Jista' jintuża wara dik id-data f'partijiet ta' rikambju għal strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2021.

▼ M27

41. Iċ-ċomb bħala stabilizzatur termali fil-klorur tal-polivinil (PVC) użat bħala materjal ta' bażi fis-sensuri elettrokimiċi amperometriċi, potenzjometriċi u konduttometriċi f'apparat mediku dijanjostiku *in vitro* għall-analiżi tad-demem u ta' fluwidi u gassijiet oħra tal-ġisem.

Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018.

▼ M28

42. Il-merkurju f'konnetturi rotatorji elettriċi li jintuża f'sistemi ta' immaġnijiet intravaskulari ultrasonori kapaċi jaħdem f'modalità għolja ta' frekwenza ta' tħaddim (> 50 MHz).

Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2019.

▼ M30

43. Anodi tal-kadmju f'ċelloli Hersch għal sensuri tal-ossiġenu użati fi strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali, fejn hija meħtieġa sensitività ta' inqas minn 10 ppm.

Jiskadi fil-15 ta' Lulju 2023.



ANNEX V

Applikazzjonijiet għall-għoti, it-tiġdid u r-revoka ta' eżenzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 5

L-applikazzjonijiet għal eżenzjonijiet, it-tiġdid ta' eżenzjonijiet jew, mutatis mutandis, għar-revoka ta' eżenzjoni jistgħu jiġu ppreżentati minn manifattur, rappreżentant awtorizzat ta' manifattur, jew kwalunkwe operatur ekonomiku fil-katina tal-provvista u għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

- (a) l-isem, l-indirizz, u d-dettalji tal-kuntatt tal-applikant;
- (b) l-informazzjoni dwar il-materjal jew il-komponent u l-użi speċifiċi tas-sustanza fil-materjal u l-komponent li għalihom għet mitluba eżenzjoni jew ir-revoka tagħha, u l-karatteristiċi partikolari tagħhom;
- (c) ġustifikazzjoni verifikabbli u b'referenzi għal eżenzjoni, jew ir-revoka tagħha, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5;
- (d) analiżi tas-sustanzi, il-materjali jew id-disinni alternattivi eventwali abbażi taċ-ċiklu tal-ħajja, inklużi, meta jkunu disponibbli, l-informazzjoni dwar ir-riċerka indipendenti, l-istudji eżaminati minn pari u attivitajiet ta' żvilupp mill-applikant u analiżi tad-disponibbiltà ta' tali alternattivi;
- (e) informazzjoni dwar it-tnejn possibbli għall-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ ta' materjali mill-iskart EEE, u dwar id-dispożizzjonijiet relatati mat-trattament xieraq tal-iskart skont l-Anness II tad-Direttiva 2002/96/KE;
- (f) l-informazzjoni rilevanti l-oħra;
- (g) l-azzjonijiet proposti biex jiġu żviluppati, jintalab biex jiġu żviluppati u/jew biex jiġu applikati alternattivi possibbli għal tali azzjonijiet mill-applikant;
- (h) fejn ikun xieraq, indikazzjoni tal-informazzjoni li għandha titqies bħala propr-jetarja flimkien ma' ġustifikazzjoni verifikabbli;
- (i) meta ssir applikazzjoni għal eżenzjoni, proposta għal formulazzjoni preċiża u ċara għall-eżenzjoni;
- (j) sommarju tal-applikazzjoni.



ANNEX VI

DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ TAL-UE

1. Nru ... (identifikazzjoni unika tal-EEE):
2. L-isem u l-indirizz tal-manifattur jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu:
3. Din id-dikjarazzjoni tal-konformità tinħareġ taħt ir-responsabbiltà unika tal-manifattur (jew tal-installatur):
4. L-għan tad-dikjarazzjoni (l-identifikazzjoni tal-EEE li tippermetti t-traċċabilità. Tista' tinkludi ritratt, fejn xieraq):
5. L-għan tad-dikjarazzjoni deskritta hawn fuq huwa konformi mad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (*):
6. Fejn applikabbli, referenzi għall-istandards armonizzati rilevanti użati, jew referenzi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li, f'rabta magħhom, qed tiġi ddikjarata l-konformità:
7. Tagħrif addizzjonali:

Iffirmat għal u f'isem:

(post u data tal-ħruġ):

(isem, funzjoni) (firma):

(*) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.



ANNEX VII

PARTI A

Id-Direttiva mħassra bl-emendi suċċessivi tagħha

(imsemmija fl-Artikolu 26)

Id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill		(ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19)
Id-Deċiżjoni 2005/618/KE	tal-Kummissjoni	(ĠU L 214, 19.8.2005, p. 65)
Id-Deċiżjoni 2005/717/KE	tal-Kummissjoni	(ĠU L 271, 15.10.2005, p. 48)
Id-Deċiżjoni 2005/747/KE	tal-Kummissjoni	(ĠU L 280, 25.10.2005, p. 18)
Id-Deċiżjoni 2006/310/KE	tal-Kummissjoni	(ĠU L 115, 28.4.2006, p. 38)
Id-Deċiżjoni 2006/690/KE	tal-Kummissjoni	(ĠU L 283, 14.10.2006, p. 47)
Id-Deċiżjoni 2006/691/KE	tal-Kummissjoni	(ĠU L 283, 14.10.2006, p. 48)
Id-Deċiżjoni 2006/692/KE	tal-Kummissjoni	(ĠU L 283, 14.10.2006, p. 50)
Id-Direttiva 2008/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill		(ĠU L 81, 20.3.2008, p. 67)
Id-Deċiżjoni 2008/385/KE	tal-Kummissjoni	(ĠU L 136, 24.5.2008, p. 9)
Id-Deċiżjoni 2009/428/KE	tal-Kummissjoni	(ĠU L 139, 5.6.2009, p. 32)
Id-Deċiżjoni 2009/443/KE	tal-Kummissjoni	(ĠU L 148, 11.6.2009, p. 27)
Id-Deċiżjoni 2010/122/UE	tal-Kummissjoni	(ĠU L 49, 26.2.2010, p. 32)
Id-Deċiżjoni 2010/571/UE	tal-Kummissjoni	(ĠU L 251, 25.9.2010, p. 28)

PARTI B

Lista tal-limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali

(imsemmija fl-Artikolu 26)

Direttiva	Skadenza għat-traspożizzjoni
2002/95/KE	fit-12 ta' Awwissu 2004.
2008/35/KE	—



ANNEX VIII

Tabella ta' korrelazzjoni

Direttiva 2002/95/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2(1)	Artikolu 2(1), 2(2), I-Anness I
Artikolu 2(2)	Artikolu 2(3)
Artikolu 2(3)	Artikolu 2(4), il-kliem tal-bidu
—	Artikolu 2(4)
Artikolu 3(a)	Artikolu 3(1), (2)
Artikolu 3(b)	—
—	Artikolu 3(6)-(28)
Artikolu 4(1)	Artikolu 4(1), I-Anness II
—	Artikolu 4(3), (4)
Artikolu 4(2)	Artikolu 4(6)
Artikolu 4(3)	—
Artikolu 5(1), il-kliem tal-bidu	Artikolu 5(1), il-kliem tal-bidu
Artikolu 5(1)(a)	Artikolu 4(2)
Artikolu 5(1)(b)	Artikolu 5(1)(a), l-ewwel u t-tielet inċiżi
—	Artikolu 5(1)(a), it-tieni inċiż
—	Artikolu 5(1)(a), il-paragrafu finali
Artikolu 5(1)(c)	Artikolu 5(1)(b)
—	Artikolu 5(2)
—	Artikolu 5(3)-(6)
Artikolu 5(2)	Artikolu 5(7)
—	Artikolu 5(8)
Artikolu 6	Artikolu 6
—	Artikolu 7-18
Artikolu 7	Artikoli 19-22
Artikolu 8	Artikolu 23
Artikolu 9	Artikolu 25
—	Artikolu 26
Artikolu 10	Artikolu 27
Artikolu 11	Artikolu 28
—	Annessi I, II
Anness, il-punti 1-39	Anness III, il-punti 1-39
—	Anness IV, V, VI -VIII.